**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 28 ta' Ġunju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Ernest Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Ernest Muscat,** iben Emanuel u Nazzareno nee` Muscat, imwieled Cospicua nhar l-20 ta' Awissu 1961 u detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 0531761M

Akkużat talli nhar nhar il-24 ta' Marzu 2023 għal ħabta ta' 13:00hrs ġewwa il-Kalkara:

1. Waqt staġun magħluq għall-insib tal-għasafar, ħa jew ippruva jieħu xi għasfur u dan bi ksur ta' Reg. 18(1)(c) ta' L.S. 549.42;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inklużi fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III u meta dak l-għasfur ma kienx ġie important legalment skont id-disposizzjonijiet tar-Reg 6(1)(a), jew ġie meħud jew akkwistat legalment fi Stat Membru jew imrobbi fil-magħluq u dan bi ksur ta' Reg 4(1)(e) (ii-iv) ta' L.S. 549.42;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċja jew prova jikkaċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenza li tingħata taħtha bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;
4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma żarmajtx u ma neħħejtx l-imnasab (inklużi lasti u xbieki) minn fuq il-post tal-insib immedjatament meta għalaq l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa hekk kif mitlub minn regolament 12(h) ta' L.S. 549.145;
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kien qed tonsob minn sit li ma ġiex reġistrat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasfar Selvaġġi u dan bi ksur ta'

Regolament 12(d) ta’ L.S. 549.145 u dan bi ksur tat-tieni proviso ta’ Regolament 8(2) ta’ L.S. 549.42.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**
L-imputat qiegħed jiġi akkużat, *inter alia,* bi nsib ta’ għasafar waqt staġun magħluq u pussess illegali ta’ għasafar selvaġġi. Minn naħa tagħha d-difiża tikkontendi li l-imputat għandu jiġi liberat peress li ma ġiex pruvat li l-imputat kien qiegħed jonsob fil-ħin indikat fl-akkuża, u ċioe “għal ħabta ta’ 13:00hrs.”

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta’ Ottubru 2005 ġie ddikjarat li “Il-frazi “ghall-habta ta’ ” tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f’l-imputazzjoni...” L-istess ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre` Falzon** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta’ Novembru 2015.

Jirriżulta li Fiona Burrows kienet marret il-Kalkara fl-24 ta’ Marzu 2023 u hemmhekk identifikat mansab għal ħabta tas-siegħa nieqsin għaxra ta’ wara nofsinhar (12:50). Hija rat raġel jidħol fid-dura u għasfur f’gaġġa li kien qiegħed jintuża bħala taħrik. Ir-raġel li rat Burrows kien liebes beritta bi print *camouflage* griż, jumper ta’ lewn skur, kellu xagħar twil miġbud lura, leħja, nuċċali *tinted* u misluta fil-widna tax-xellug. Għal ħabta tas-siegħa ta’ wara nofsinhar (13:00) hija ċemplet lil EPU iżda dawn talbuha ċċempel iktar tard peress li ż-żewġ karozzi tal-EPU kienu qed jattendu rapport ieħor. Hija stenniet xi siegħa u reġgħet ċemplet lil EPU fis-sagħtejn u ħdax -il minuta ta’ wara nofsinhar (14:11), li waslu fuq il-post fis-sagħtejn u nofs ta’ wara nofsinhar (14:30). Waqt li l-pulizija li waslu fuq il-post marru jfittxu post minn fejn jidħlu fuq is-sit, Burrows rat lill-istess raġel joħroġ mid-dura hekk kif waslu l-uffiċjali tal-EPU.

Il-Qorti rat li d-deskrizzjoni mogħtija minn Fiona Burrows tal-persuna maskili li hija rat dieħla u eventwalment ħierġa mid-dura taqbel perfettament mar-ritratti tal-imputat esebiti mill-prosekuzzjoni u mmarkati bħala Dok EM1. Il-Qorti rat ukoll li fl-affidavits tagħhom PC789 u RPC 3110 xehdu li huma sabu lill-imputat ġewwa dura fejn kien hemm mansab attiv armat għal għasafar tal-għana, bi xbieki u b’għasafar ħajjin imdawrin miegħu.

Ikkonsidrat dan, il-Qorti tqis illi mhux korrett dak li targumenta d-difiża li m’hemmx prova li l-imputat kien qiegħed jonsob għal ħabta tas-13:00. Għalkemm huwa minnu li l-pulizija waslu fuq il-post u waqfu lill-imputat bejn 14:15 u 14:30, Fiona Burrows rat lill-imputat dieħel fid-dura, kif fuq kollox jidher fit-tieni filmat esebit fl-atti. Għalkemm dan il-

filmat juri persuna maskili *di sfuggita,* il-Qorti m'għandha l-ebda dubbju li din il-persuna hija l-imputat għaliex anke mid-daqqa t'għajn setgħet tagħraf l-ilbies u x-xagħar tal-persuna, li jaqbel perfettament ma' tal-imputat kif muri fir-ritratti mmarkati bħala Dok EM1.

Barra minn hekk, il-Qorti tosserva li wara li l-imputat ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu, inkluż id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa ammetta mal-uffiċjali tal-pulizija li kienu preżenti li kien qiegħed jonsob u meta ġie mistoqsi għalfejn kien qiegħed jagħmel dan huwa rrisponda "għax miġnun, it-temp kien edejali [*sic*]." Iż-żewġ uffiċjali wkoll jikkonfermaw li dak il-ħin l-imputat kien urihom xi messaġġ li bagħat lil sieħbu fejn qallu "jekk ma naqbat [*sic*] xejn illum inżarma kollox."

F'dan ir-rigward ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Attard,** deċiża mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Settembru 2004 illi:

> "Hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bi prova kontra tieghu w li l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu. Ta' spiss jinghid li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina ghax kif intqal:-
> "A free and voluntary confession of guilt by a prisoner, whether under examination before magistrates or otherwise, if it is direct and positive, and is duly made and satisfactorily proved , is sufficient to warrant a conviction without any corroborative evidence : R. v. White, R.& R. 508; R. v. Tippet, id. 509; R. v. Eldridge, id.440; R.v. Falkner, id. 481; R. v. Francia , 15 St. Tr. 859, 1 East P.C. 133 n , Fost. 240; R. v. Lambe, 2 Leach 552; R. v. Wheeling, 1. Leach 311 n."
> Jintqal ukoll li:- "Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument ..If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally admissible; though it is evidence to be acted upon with much caution, as being liable to be unintentionally misinterpreted by the witnesses." (See R. v. Simons, C. & P. 540) ( ARCHBOLD . p.376)."

Minn studju tal-ġurisprudenza jirriżulta li hija ammissibli ix-xhieda ta' uffiċjal pulizija dwar il-konfessjoni bil-fomm li tkun saret lilu mill-imputat, dejjem jekk ikun laħaq ġie mogħti it-twissija skont il-liġi, u l-konfessjoni tkun saret volontarjament, mingħajr theddid jew wegħdiet. Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omar Pisani** deċiża fis-6 ta' Jannar 2005 il-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet in konsiderazzjoni konfessjoni bil-fomm li l-imputat kien għamel ma uffiċjal tal-pulizija, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-artikolu appena msemmi u wkoll l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali, skont liema ix-

xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emnuta, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta.

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omar Psaila** deċiża fl-20 ta' Ġunju 2014, fejn meta l-Qorti ġiet biex tiddeċiedi jekk kellhiex tieħu in konsiderazzjoni jew tiskarta dak mistqarr mill-imputat lill-pulizija bil-fomm qabel ma ttieħditlu stqarrija bil-mitkub, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "M'hemmx dubju li l-appellat ingħata twissija mill-Pulizija qabel ma beda jitkellem. Dan il-punt joħroġ mix-xhieda mogħtija mit-tliet uffiċjali.
>
> L-artikolu 658 tal-Kap 9 huwa importanti ferm għax jista' jintuża f'każ li persuna ma tkun wieġbet għall-ebda mistoqsija fl-istqarrija bil-miktub iżda tkun tkellmet dwar lgħemil li wettqet. Dak li jgħid imputat lil xi persuna oħra jista' jittieħed bħala prova u ma jitqiesx bħala hearsay.
>
> Jekk wieħed iqis il-kriterji li ssemmew kemm fis-sentenza 'Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' kif ukoll fis-sentenza 'Taliana Anthony kontra l-Kummissarju tal-Pulizija', wieħed jikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet ikkonsidrat dak li lappellat qal lill-Pulizija. L-appellat kellu 27 sena meta huwa tkellem mal-Pulizija u għalhekk ma kienx minorenni. Barra minn dan, din ma kenitx l-ewwel darba li sab ruħu fil-kwartieri tal-Pulizija kif jirriżulta ċar mill-fedina penali tiegħu. Barra dan hu kien ingħata t-twissija qabel ma tkellem. Ma jirriżulta minn imkien li l-appellat kien b'xi mod kostrett jitkellem. Tant li meta saret l-istqarrija bil-miktub huwa ma ta ebda tagħrif li kellu x'jaqsam mal-imputazzjonijiet ta' dan il-każ saħansitra meta saret domanda diretta dwar dak li kien qal lill-Pulizija qabel ma bdiet l-istqarrija."

Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni sabiex tiddubita l-kredibilita ta' PC789 u RPC 3110. Għaldaqstant dak li l-imputat qal lil dawn iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija meta sabuh fuq il-post jista' u qiegħed jitqies bħala prova fil-konfront tiegħu.

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll bħala xhud lil Nicholas Grech li kkonferma li fid-data tal-akkuża l-istaġun tal-insib kien magħluq u li mill-ħames għasafar li ġew mgħoddija lilu wieħed ma kienx imlibbes ċurket, tlieta kienu mlibbsa ċurkett falz li ma nħariġx mill-WBRU u ieħor kien imlibbes żewġ ċrieket li minnhom wieħed kien falz u l-ieħor kien *split ring*.

Il-Qorti għalhekk tqis li l-ewwel erba` imputazzjoni jinsabu pruvati sal-grad rikjest mill-liġi, u għaldaqstant għandu jinstab ħati ta' dawn l-akkużi. Mhux l-istess pero jista` jingħad fir-rigward tal-ħames akkuża, peress illi l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li s-sit minn fejn instab jonsob l-imputat ma kienx irreġistrat.

**Decide**
Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat ir-regolament 18(1)(c), 4(1)(e), 4(1)(a) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u r-regolament 12(h) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145, tillibera lill-imputat mill-ħames akkuża filwaqt li ssibu ħati tal-bqija tal-akkużi u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) li jistgħu jitħallsu permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), tordna l-konfiska tax-xbieki u l-għasafar u tissospendi kull liċenzja relevanti maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u t-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal tlett snin.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur